**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kylie Borg]**

**vs**

**Paul Fenech**

**Kumpilazzjoni Numru: 631/2012**

**Illum, 6 ta' Mejju 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Paul Fenech detentur tal-karta tal-identita` numru 459165M akkuzat talli nhar id-9 ta' Jannar 2012, u/jew fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer:

1) Ghamel falsifikazzjoni b'firma falza fi skrittura privata li tista' taghmel hsara lil xi persuna u cioe` lil Carmelo Cortis (ID 722256M);

2) U aktar talli sabiex jikseb xi vantagg ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz;

3) U aktar talli ikkommetta reat waqt li kien taht ordni operattiv ta' liberta kondizzjonata ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. A. Demicoli LLD nhar it-18 ta' Novembru 2011 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata erbatax (14) ta' Gunju elfejn u tnax (2012) fejn ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u l-istqarrija tal-imputat;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq falsifikazzjoni ta' firma fuq skrittura ta' lokazzjoni fejn l-imputat allegatament iffirma l-istess skrittura minflok Carmelo Cortis.

Fl-istqarrija tieghu l-imputat **Paul Fenech** stqarr illi huwa kien jinsab *unemployed* ghaliex il-*business* tieghu kien mar hazin sal-punt li kellu jbiegh kollox. Huwa qal illi kellu konoxxenza ta' Carmelo Cortis stante li tul l-ahhar ghaxar snin kien ghamillu xi xoghol ta' mastrudaxxa, bi tpartit ma' xi proprjeta`. L-imputat stqarr li kellu kuntratt ta' bini mal-istess Cortis dwar xi proprjetajiet f'Bugibba. Fuq dawn il-proprjetajiet kienet saret skrittura privata izda din qatt ma giet irregistrata. L-imputat qal illi din l-iskrittura saret fit-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) bejnu u bejn Maufik Toutoungi u t-terza persuna li giet mikrija l-post. Huwa stqarr li ghal din l-iskrittura Carmelo Cortis ma kienx prezenti, izda kien l-imputat stess illi kiteb isem Carmelo Cortis u ffirma wkoll bil-firma tieghu. Huwa qal illi ghamel hekk ghaliex dejjem kellu skrittura li tawtorizzah

jaghmel dan. Madanakollu, l-imputat afferma illi huwa kien ghamel dan sabiex huwa ma jispiccax zgumbrat. Qal ukoll li meta din l-iskrittura gietipprezentata l-Qorti, huwa kien konoxxenti illi din il-firma hija wahda falza u li r-raguni ghaliex kien ghamel hekk hija ghaliex huwa ma riedx illi jigi mcahhad minn dan il-post. L-imputat qal illi fuq dan il-post hemm ukoll procedimenti civili minhabba xi ammont ta' flus dovuti lill-imputat. L-imputat qal li ma kienx jaf illi l-falsifikazzjoni ta' firem tammonta ghal azzjoni illegali.

Xehdet l-**Ispettur Kylie Borg** fejn qalet illi hija kienet irciviet kwerela min-naha tas-Sinjur Carmelo Cortis fejn kien qieghed jallega li kienet giet iffalsifikata l-firma tieghu fi skrittura privata illi saret fit-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) bejn Paul Fenech u Maufik Tutungi. Ix-xhud qalet illi Cortis kien ghaddej ukoll minn proceduri ta' natura civili mal-imputat Paul Fenech. Ix-xhud spjegat illi hija kienet baghtet kemm ghal Paul Fenech kif ukoll ghal Maufik Tutungi, fejn Paul Fenech kien ukoll irrilaxxa stqarrija wara li kkonsulta mal-avukat tieghu. Ix-xhud irrikonoxxiet il-firma taghha fuq l-istqarrija tal-imputat (Dok. KB2). Hija esebiet ukoll sentenza moghtija mill-

Mag. Dr. Audrey Demicoli fit-tmintax (18) ta' Novembru tal-elfejn u hdax (2011) fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Stephen Micallef) v. Paul Fenech** (Dok. KB5). Ix-xhud gharfet lill-imputat fl-awla.

Xehed ukoll **Carmelo Cortis** fejn indika illi qieghed jaghraf lill-imputat fl-awla. Ix-xhud qal illi l-imputat kien ipprezenta kuntratt waqt proceduri gudizzjarji bil-firma tal-istess xhud iffalsifikata. Fuq domandi tal-prosekuzzjoni x-xhud sostna illi l-firma tieghu fuq dik l-iskrittura ma kinitx saret minnu. Ix-xhud afferma illi huwa ma kienx prezenti dakinhar li giet iffirmata din l-iskrittura. Huwa kompla jsostni illi l-firma li turi ismu ma kinitx saret minnu u li huwa kien iltaqa' biss ma' Maufik Tutungi wara li x-xhud kien rega' rebah il-hanut lura u l-istess Tutungi kien mar sabiex jikkonsenja c-cwievet.

Xehdet l-esperta **Dr. Juliana Scerri Ferrante** fejn esebiet rapport li gie mmarkat bhala Dok CC1. Ix-xhud qalet illi skont il-kampjuni u t-testijiet illi kienet ghamlet, hija waslet ghall-konkluzjoni illi l-firma inkwistjoni u cioe` dik li hemm fuq il-kuntratt ta' kiri datat tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) ma kinitx dik tas-Sur Carmelo Cortis.

Dr. Juliana Scerri Ferrante regghet xehdet fejn qalet li sabiex tkompli mal-inkarigu taghha tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015), qalet illi kellha nkarigu iehor fejn ghamlet l-istess komparazzjoni. Hija qalet illi hija ma tistax tikkonferma l-konkluzjonijiet taghha mija fil-mija u dan ghaliex id-dokument inkwistjoni li qieghed jidher fil-process civili mhuwiex dak originali. Ix-xhud qalet li mill-investigazzjonijiet taghha tista' tghid illi hargu diversi karatteristici li juru l-falsifikazzjoni tal-firma in diskussjoni, izda dan ma tistax tikkonfermah mija fil-mija. Dr. Juliana Scerri Ferrante regghet xehdet f'seduta ohra fejn ipprezentat ir-rapport originali li hija hejjiet, u dan stante illi r-rapport li diga` gie pprezentat ma kienx dak originali. Ix-xhud rritornat ukoll id-dokumenti kollha mghoddija lilha li kienet uzat sabiex hejjiet ir-rapport taghha.

Xehed **Mowafak Toutungi**, fejn gharaf il-firma tieghu fuq l-iskrittura ta' lokazzjoni a rigward il-proprjeta` fi Triq il-Qroll Bugibba (skrittura esebita a fol. 51 tal-atti processwali). Ix-xhud ra wkoll il-firma ta' Carmelo Cortis u n-numru tal-karta tal-identita` ta' sid il-kera. Ix-xhud qal ukoll illi dakinhar tal-iskrittura kien hemm prezenti biss huwa u l-imputat. Ix-xhud qal

li sad-data tal-iskrittura, huwa lanqas biss kien iltaqa' ma' Carmelo Cortis. Ix-xhud spjega illi wara din l-iskrittura kien sar ftehim iehor ma' Carmelo Cortis a rigward l-istess proprjeta`.

Xehed ukoll l-imputat **Paul Fenech** fejn qal illi qabel l-iskrittura tat-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) huwa kien diga` ghamel xoghol tal-injam bi tpartit fuq proprjeta` ta' hames garaxxijiet gewwa l-Mosta. Meta mistoqsi dwar il-ftehim mertu ta' dawn il-proceduri, l-imputat sostna illi huwa kien mistenni jahdem lil Carmelo Cortis certu ammont ta' xoghol bi tpartit ma' tliet proprjetajiet. Kompla jghid li f'Settembru/Ottubru tas-sena elfejn u disgha (2009) kienet diga` inqalbet l-ewwel proprjeta` konsistenti f'garaxx li kien jiswa' tlettax-il elf Lira Maltin (Lm13,000) (Oakleaf Apartments, Level -2, Main Street, Mosta). A rigward it-tieni proprjeta` li kienet tikkonsisti f'*penthouse*, l-imputat qal li kellu jhallas parti mill-bolol dovuti sabiex ikun jista' jaghlaq il-kuntratt ghaliex Carmelo Cortis ma setax ihallashom. Qal illi minkejja l-valur ta' dawn iz-zewg proprjetajiet xorta wahda ma kienx ghadu jpaci l-valur tal-ammont ta' xoghol li kien ghamel l-imputat. Infatti qal illi l-bilanc li kien ghadu dovut lilu kien jammonta ghal wiehed u hamsin elf,

seba' mija u erbgha u disghin ewro (€51, 794). Spjega illi l-bilanc rimanenti kellu jigi pacut permezz tat-tielet proprjeta` u cioe` hanut f'Bugibba. L-imputat spjega li l-hanut kien ghadu jghajjat lil Cortis, madanakollu qal li l-pussess ta' dan il-hanut inghata lilu f'Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006), fi stat ta' gebel u saqaf. Huwa qal illi wara li lesta l-*finishings* kollha, Cortis gieghlu jikri l-hanut lil certu Frankie Gauci ghal hames liri Maltin (Lm5) kuljum. Spjega li l-kuntratt kien sar fuq isem Cortis izda kienet saret skrittura privata fl-ufficcju ta' Dr. Cilia li l-pussess tal-hanut kellu jinghata lill-imputat. Di fatti qal li kien inghata c-cavetta tal-katnazz ta' dan il-hanut fl-ufficcju ta' Dr. Cilia. Il-kuntratt kien sar fl-ufficcju ta' Dr. Cilia izda Carmelo Cortis kien iffirma l-fabbrika ghax ma setax jattendi fl-ufficcju tal-avukat. Wara Frankie Gauci l-imputat rega' kera l-garaxx lil xi haddiehor u kien rega' ghamel skrittura ghand l-avukat Dr. Cilia. Dawn l-iskritturi gew esebiti mill-imputat (Dok. 12 u 13). Qal illi l-kirjiet kien dejjem jircevihom l-imputat stess. L-imputat ikkonferma illi l-kuntratti li saru dejjem gew iffirmati minnu u qatt ma kien hemm l-ebda problema. L-imputat stqarr li kien qal lil Carmelo Cortis li kien ser jikri l-garaxx lil certu Toutungi u qal ukoll li l-kirjiet baqa' jehodhom hu u Cortis qatt ma talbu l-ebda kirja.

Ikkonferma li Cortis qatt ma ghamel proceduri biex jiehu lura l-kirjiet.

L-imputat qal ukoll li meta kien infurma lil Carmelo Cortis li kien ser jerga' jikri l-garaxx l-istess Cortis qallu: "*tista' tmexxi*." Huwa qal li l-kwistjoni nqalghet minhabba l-bilanc li kien ghadu pendenti u mhux fuq il-kirja. L-imputat ikkonferma illi Cortis fadallu xi pendenzi mieghu (€51,794) u li kien ghalhekk li fetahlu proceduri civili u intavola wkoll mandat ta' sekwestru u mandat ta' inibizzjoni. L-imputat qal li anki l-arloggi tal-garaxx kienu fuq ismu u kien huwa stess li kien qed ihallas il-kirjiet tal-istess arloggi. Zied jghid li issa huwa gie zgumbrat minn dan il-hanut a kawza li ma kellux il-konvenju rregistrat. Huwa qal ukoll li minkejja li Cortis ma kienx prezenti ghall-iffirmar tal-iskrittura huwa kien jaf b'kollox li kien qieghed isir.

In kontroezami l-imputat rega' qal illi Cortis kien jaf x'kien qed isir u fil-fatt l-imputat qal li huwa iffirma "*bil-kuntentezza tieghu voldieri, hu kien jaf li ha niffirma.*" Huwa kkonferma li kien ipprezenta din l-iskrittura quddiem l-Qorti.  Fuq domandi tal-

Prosekuzzjoni l-imputat baqa' jinsisti li huwa ghamel dik il-firma bl-ebda skop izda bil-buona grazzja ta' Carmelo Cortis.

Illi d-difiza esebiet ukoll Dokument AA1 li jikkonsisti f'vera kopja tal-atti civili intavolati fl-ismijiet Carmel Cortis vs Paul Fenech. Minn dan id-dokument il-Qorti nnutat verbal tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datat 9 ta' Jannar 2012 fejn l-avukat Dr. Chris Cilia rrileva li l-firma ta' Carmelo Cortis hija falsifikata u fejn l-Onorabbli Imhallef Silvio Meli ordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga din l-allegazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tinnota li fit-trattazzjoni finali tal-partijiet, il-Prosekuzzjoni ffukat fuq il-fatt illi l-imputat ammetta li ffirma minflok Carmelo Cortis u li ghamel hekk sabiex ma jigix zgumbrat minn dan l-istess hanut li jinsab gewwa Bugibba. Il-Prosekuzzjoni rreferiet ukoll ghax-xhieda tal-imputat fejn rega' qal li Carmelo Cortis kien jaf x'inhu ghaddej u iffirma ghalih bil-buona grazzja tieghu.

L-istess Prosekuzzjoni ghamlet ukoll referenza ghar-rapport tal-espert Dr. Juliana Scerri Ferrante fejn hija kkonkludiet li l-firma inkwistjoni hija effettivament falza.

Illi ghalhekk *prima facie* jirrizulta li l-elementi tal-falsifikazzjoni huma prezenti. Minkejja dan id-difiza fit-trattazzjoni taghha rrilevat li l-imputat qatt ma jista' jinstab hati tal-akkuzi dedotti kontrih u dan minhabba zball fid-data inkriminata.

In effetti l-Qorti tinnota li l-akkuzi odjerni huma bbazati fuq skrittura li ggib bhala data t-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009). Minkejja dan, id-data inkriminata kif jidher mic-citazzjoni a folio 1 tal-process taqra hekk: *"id-9 ta' Jannar 2012, u/jew fil-jiem ta' qabel".*

Illi d-difiza rrilevat li l-imputat ma jistax jinstab hati tal-akkuzi dedotti kontrih stante li hemm diskrepanza ta' kwazi sentejn u xahrejn bejn id-data meta giet iffirmata l-iskrittura u d-data inkriminata.

Il-Qorti tirrileva li l-Prosekuzzjoni bbazat il-kawza taghha fuq din l-iskrittura tat-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) tant li l-Ufficjal Prosekutur ghamlet referenza ghal tali skrittura kull darba li hija resqet persuna biex tixhed.

Illi ma hemmx dubju li l-Prosekuzzjoni kellha tindika t-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) bhala d-data inkriminata u mhux id-disgha (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012). Il-Qorti tinnota li fl-istess data inkriminata hemm ukoll imnizzlin il-kliem: "*u/jew fil-jiem ta' qabel.*" Minkejja dan it-tifsira tal-kliem "*fil-jiem ta' qabel*" certament ma tistax tigi mgebbda ghal sentejn u xahrejn.

F'dan ir-rigward issir referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Carmel Polidano moghtija fis-26 ta' Ottubru 2016[1] fejn gie ritenut is-segwenti: *"Jigi stabbilit illi l-kliem 'fil-granet ta' qabel' certament jirrestringi l-perjodu ghal mhux aktar minn gimgha."*

Illi huwa fundamentali li z-zmien meta sar ir-reat jaqbel maz-zmien indikat fic-citazzjoni. In effetti r-reat irid jikkombacja

[1] Appell numru 312/13 DS

mad-data inkriminata. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Nicole Anne Testa li giet deciza fil-31 ta' Mejju 2017[2] fejn l-istess Qorti rriteniet is-segwenti: *"Is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw.....".* L-istess Qorti imbaghad taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet Pulizija vs John Mary Briffa[3] fejn kien hemm zball fil-hin ta' meta sehh l-incident fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li: *"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna*

[2] Appell numru 566/2016 EG
[3] Deciza fit-18 ta' Ottubru 2005

*tempestivament."* Il-Qorti fil-kawza kontra Nicole Anne Testa kompliet billi ddecidiet hekk: *"il-Qorti qatt ma tista issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh fi zmien iehor u mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta' lazzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin. … Illi il-Qorti ftit ghandha x'izzid meta rinfaccjata b'dan id-difett procedurali billi l-akkuzi kollha jirreferu ghal data ohra u mhux dik meta sehh dan is-sinistru stradali biex b'hekk l-appellanti qatt ma tista' tigi misjuba hatja li wettqet ir-reati addebitati fil-gurnata indikata fic-citazzjoni, u cioe' dik tal-05 ta' Mejju 2015, billi kellu jirrizulta mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni illi dawk ir-reati sehhew f'jum iehor."*

Illi fil-kaz odjern il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni qatt ma talbet korrezzjoni tad-data inkriminata u in oltre l-Prosekuzzjoni ma

gabet l-ebda prova biex turi li l-firma li giet iffalsifikata saret fid-disgha (9) ta' Jannar elfejn u tnax (2012) jew gimgha qabel tali data u mhux fit-tletin (30) ta' Novembru elfejn u disgha (2009).

Ghaldaqstant l-imputat ma jistax jinstab hati tal-ewwel (1) akkuza.

Ghar-rigward tat-tieni (2) akkuza, huwa minnu li l-imputat ikkonferma fix-xhieda tieghu li huwa pprezenta din l-istess skrittura quddiem il-Qrati ta' Malta izda mid-Dokument AA1, esebit mid-difiza fis-seduta tal-hdax (11) ta' Frar elfejn u dsatax (2019), jirrizulta ampjament illi l-imputat kien ipprezenta l-istess skrittura quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili permezz ta' nota datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011). Il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni bbazat ruhha fuq id-data meta l-iskrittura giet ipprezentata quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili permezz ta' nota tad-disgha (9) ta' Jannar elfejn u tnax (2012) izda mill-istess Dokument AA1 jirrizulta ampjament car illi l-iskrittura f'dik id-data kienet giet esebita minn Mowafak Toutungi <u>u mhux mill-imputat</u>. Kif diga` inghad l-imputat *semmai* kien wettaq reat meta ipprezenta din l-iskrittura quddiem

il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) u mhux fid-data indikata fic-citazzjoni u ghalhekk bl-istess ragunament l-imputat ma jistax jinstab hati tat-tieni (2) akkuza dedotta fil-konfront tieghu.

Illi a rigward it-tielet (3) akkuza din hija marbuta mal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuza u gialadarba ma nstabitx htija fuq dawn l-akkuzi, awtomatikament ma tistax tinstab htija ta' din l-akkuza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat Paul Fenech hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**